MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 328/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Gaetan Gatt**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Gaetan Gatt talli b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, minn Mejju 2011 sa Dicembru 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Carol Gatt u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il- Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-13 ta’ Gunju 2012 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338 (z), 18 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Gaetan Gatt hati u kkundannatu tliet (3) xhur prigunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Gaetano Gattipprezentat fil-21 ta’ Gunju 2012 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati ta’ l-imputazzjoni dedotta w kwindi tilliberah skond il-ligi. Alternattivament u minghajr pregudizzju, f’kaz li dan l-appell ma jintlaqax, talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi timponi piena aktar ekwa ghall-kaz odjern;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet ix-xhieda; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellant huma il-qosor is-segwenti: (1) li mart l-appellant qed timmanipula s-sistema a vantagg taghha u kontra tieghu b’mod li qed taghmel pressjoni biex huwa joqghod ghar-rieda taghha, u dan l-agir jammonta ghal rikatt fin; (2) li, minghajr pregudizzju, il-komportament ta’ mart l-appellant jammonta ghal qerq peress illi hija qed tippretendi manteniment ghat-tifel meta dan jahdem u m’hemm l-ebda obbligu ta’ hlas ta’ manteniment; (3) li mill-provi jirrizulta li martu kienet zarmat id-dar matrimonjali waqt li hu kien il-habs u kkonvertiet certi oggetti fi flus li hija zammet. Hija ma haditx pjacir bil-fatt li nqabdet u li kien hemm accettazzjoni li l-manteniment jithallas minn dawk il-flus. L-ewwel Qorti ma tatx il-piz necessarju lil dan l-arrangament li kien sar; (4) li huwa onora l-obbligu tieghu ghall-hlas tal-manteniment.

**6.** Meta xehdet Carol Gatt quddiem din il-Qorti, hija qalet li l-manteniment li huwa dovut ghall-perijodu in kwistjoni huwa ghal zewgt itfal peress illi f’dak il-perijodu t-tifla l-kbira kienet diga` maggorenni. Tan-nofs ghalaq it-tmintax

f'Settembru 2012. Il-manteniment huwa ta' ghoxrin euro fil-gimgha ghal kull tifel u tifla, jigifieri erbghin euro fil-gimgha. Dwar dak li l-appellant allega fir-rikors t'appell, il-*parte civile* ma giet mistoqsija xejn in kontro-ezami u l-unika domanda kienet jekk matul il-perijodu in kwistjoni l-appellant kienx diga` l-habs. Mart l-appellant fil-fatt ikkonfermat illi matul il-perijodu in kwistjoni zewgha kien qieghed il-habs diga` ghax kien wehel il-habs f'Marzu izda kien diga` ilu minn Ottubru ta' qabel ma jhallasha manteniment. Mill-aggravji ta' l-appellant ghalhekk ma jirrizulta xejn.

**7.** Id-difensur ta' l-appellant, pero`, issottometta illi fl-atti la gie esebit kuntratt ta' separazzjoni u lanqas digriet tal-Qorti bhala prova tal-manteniment dovut, jigifieri ma giex prodott il-*best evidence*. Filwaqt illi din il-Qorti taqbel illi f'kazijiet bhal dawn ghandu jigi esebit il-kuntratt jew digriet jew sentenza relattiva, trid tissottolineja li ma tqajjem l-ebda aggravju fir-rikors ta' appell dwar tali nuqqas. Hija gurisprudenza ormai pacifika li l-Qorti ta' l-Appell ma tistax tiehu konjizzjoni ta' ragunijiet ta' l-appell, ossia aggravji, li ma jkunux gew imsemmija fir-rikors ta' appell. L-artikolu 419(1)(b) tal-Kap. 9 jitkellem car dwar il-htiega li fir-rikors ta' appell ghandu jkun hemm, taht piena ta' nullita`, "ir-ragunijet tal-appell". U bhalma ntqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Darren Attard** deciz fit-3 ta' Settembru 2001: **"Hija gurisprudenza kostanti li galadarba tigi specifikata r-raguni, jew jigu specifikati r-ragunijiet, ta' l-appell, l-appellant ikun marbut b'dik ir-raguni jew b'dawk ir-ragunijiet, fis-sens li tkun biss dik ir-raguni jew dawk ir-ragunijiet li jistghu jigu kkunsidrati minn din il-Qorti, salv, naturalment, aggravju jew aggravji li jistghu jitqiesu li huma komprizi u involuti fl-aggravju jew fl-aggravji kif specifikati."** Fil-kaz in ezami, l-aggravju li ppruvat tqajjem id-difiza ma hu bl-ebda mod kompriz u involut fl-aggravji mqajma fir-rikors ta' appell. Anzi tajjeb li jinghad illi f'dak ir-rikors mhux qieghed jinghad li manteniment mhuwiex dovut izda li mart l-appellant ippruvat titlob manteniment ghal tifel li qieghed jahdem u ghalhekk mhux dovut, meta dan ma rrizultax, u illi diga` thallset mir-rikavat ta' oggetti mibjugha, meta

lanqas dan ma jirrizulta. Ghalhekk din il-Qorti mhijiex se tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-aggravju.

**8.** Id-difiza ssottomettiet ukoll illi il-hlas tal-manteniment ma setax isir peress illi l-appellant kien jinsab il-habs. Dan ukoll huwa aggravju li ma tqajjimx fir-rikors ta' appell. Fl-istess hin huwa punt li jista' jigi kkunsidrat sa fejn tirrigwarda l-piena. Difatti gie sottomess li bil-fatt illi l-appellant kien u ghadu l-habs, allura ma jistax jahdem u b'hekk m'ghandux dhul. Izda dwar il-fattur tax-xoghol il-gurisprudenza in materja hija llum wahda ormai stabbilita u maghrufa. Hekk fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Anthony Saliba** deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Lulju 1998, gie ritenut illi jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment meta din tisfa dizokkupata, ir-rimedju hu li dik il-persuna tadixxi **"tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment"**. Hu biss wara li dik il-persuna tottjeni tali modifika li tkun tista' thallas inqas jew ma thallas xejn, jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' 1-obbligu tal-hlas. Mill-provi ma jirrizultax illi l-appellant adixxa l-Qorti kompetenti biex jigi varjat id-digriet ossia f'dan il-kaz dak stipulat f'kuntratt (fl-affidavit tieghu P.S. 191 L. Bugeja jirreferi ghal ftehim li kien sar bejn l-appellant u martu quddiem in-Nutar Dottor Patricia Vella fil-5 ta' Gunju 2009). Inoltre mix-xiehda ta' mart l-appellant jirrizulta li kien ilu diga` minn sitt xhur qabel ma dahal il-habs ma jhallas manteniment.

**9.** Imbaghad in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1]. F'dan il-kaz gie applikat l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-piena giet mizjuda bi grad wiehed

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

biss. B'hekk il-piena hi fil-parametri tal-ligi. Fl-istess hin din il-Qorti ma tistax tinjora ghal kollox il-fatt illi l-appellant kien u ghadu inkarcerat. Ghalhekk sejra tirriforma l-piena kif gej.

**10.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-piena ta' tliet xhur effettivi ta' prigunerija u minflok tikkundannah ghall-piena ta' tliet xhur prigunerija liema sentenza m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' sena millum huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilita` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Inoltre tattira l-attenzjoni tar-Registratur ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------